**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Marzu 2020 – Datenlotsen Informationssysteme vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-368/19)** [1]

***(Għajnuna mill-Istat – Benefiċċji fiskali u finanzjament pubbliku – Ilment – Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali – Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni li jtemm in-nuqqas li tittieħed azzjoni – Deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2020/C 137/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Datenlotsen Informationssysteme GmbH (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Lübbig, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u K. Blanck, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, wara l-ilment ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2012, illegalment astjeniet milli tagħlaq il-proċedura formali ta' investigazzjoni fi żmien raġonevoli billi adottat deċiżjoni taħt l-Artikolu 108(2) TFUE jew l-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-[TFUE] (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Datenlotsen Informationssysteme GmbH

---

[1] ĠU C 270, 12.8.2019.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2020 – HB vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-795/19 R)**

***(Talba għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi ta' servizzi – Irregolaritajiet fil-proċedura għall-għoti tal-kuntratt – Irkupru tal-ammonti diġà mħallsa – Nota ta' debitu – Talba għas-sopensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza)***

(2020/C 137/79)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* HB (rappreżentanti: M. Vandenbussche u L. Levi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz, J. Estrada de Solà u A. Katsimerou, aġenti)